MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 96/2007

Maria Agius
vs
Josephine sive Guza Schembri, Paul Aquilina, Dr Patrick Valentino u l-PL Louisa Tufigno li b'digriet tat-3 ta' Lulju 2007 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapresrentaw lill-assenti minn Malta Katy Rogers li b'digriet tad-9 ta' Frar 2007 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapresenta lill-assenti minn Malta Katy Rogers, Louis Schembri, kif ukoll Louis Schembri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Maria Agius li bih eccepiet:

1. Illi r-rikorrenti hija bint il-mejtin Philip Aquilina u Carmena Aquilina xebba Grixti li mietu respettivament fl-24 ta' April 1990 u s-16 ta' Frar 2001 rispettivament, u dan kif jidher mic-certifikati tal-mewt annessi mar-rikors u immarkati A u B;

2. Illi l-intimati f'din il-kawza huma hut l-istess rikorrenti ghajr ghal Louis Schembri, li jigi n-neputi tar-rikorrenti u omm Louis Schembri hija oht ir-rikorrenti u jisimha Josephine sive Guza Schembri, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' Louis Schembri anness mar-rikors u immarkat dokument C;

3. Illi l-genituri ta' l-ahwa Aquilina, kienu ghamlu, testment *unica charta* fil-21 ta' Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia LL.D. u dan kif jirrizulta mit-testment anness mar-rikors u immarkat dokument D;

4. Illi l-genituri ta' l-ahwa Aquilina hallew is-segwenti proprjeta` bhala wirt – (i) buisness tal-hanut 'Lucky Bar' 63, gewwa Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex, (ii) il-kirja ta' l-istess hanut bl-indirizz 63 Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex, (iii) Kajjik, (iv) karozza tat-tip Ford Cortina targata 35588, (v) ghamara varja u (vi) flus varji kemm Malta u kemm barra minn Malta;

5. Illi l-mejtin Philip u Carmena konjugi Aquilina kienu proprjetarji tal-fond immobiljari 61, Ta' Xbiex Sea Front, Msida, liema proprjeta` giet trasferita b'simulazzjoni kif jigi ippruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza permezz ta' kuntratt tal-hmistax (15) ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said LL.D, li kopja tieghu gie anness mar-rikors bhala Dokument E, dan il-kuntratt jindika li sar f'dak iz-zmien, pero` l-istess kuntratt ghal xi raguni, gie insinwat tlettax-ilsena wara u cioe` fl-1 ta' Awissu 2002, kif jirrizulta mill-insinwa ta' l-imsemmi kuntratt anness mar-rikors u immarkat dokument F;

6. Illi dan il-kuntratt sar b'simulazzjoni u sar sabiex jilledi d-drittijiet ta' l-istess rikorrenti, li ma hadet xejn mill-wirt ta' ommha u missierha, u dan billi l-assi principali tal-konjugi mejtin genituri tal-kontendenti (ghajr ghal Louis Schembri), gew trasferiti b'simulazzjoni u b'mod illegali, kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza;

7. Illi r-rikorrenti talbet lil hutha u lil Louis Schembri, sabiex jersqu ghar-rexissjoni tal-kuntratt tal-

hmistax (15) ta’ Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Philip Said LL.D. Gew imsejha hekk jaghmlu permezz ta’ ittra ufficjali tal-4 ta’ Settembru 2006, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata dokument G;

8. Illi fit-testment *unica charta* tal-21 ta’ Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia LL.D., il-genituri tar-rikorrenti u Carmena konjugi Aquilina, hallew b’titolu prelegat lil binthom Josephine Schembri, l-avvjament u d-dritt ta’ l-inkwilinat tal-hanut numru wiehed u sittin (61) Ta’ Xbiex Sea Front, Msida, li jgib l-isem ta’ ‘Lucky Bar’, inkluz l-istokk kollu li kien hemm go l-istess hanut u l-oggetti kollha go fiha;

9. Illi b’dan il-legat moghtija lil Josephine Schembri u bil-kuntratt tal-hmistax (15) ta’ Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia LLD, il-konjugi Philip u Carmena Aquilina, iddisponew mill-assi taghhom, b’mod illi illedew il-legittima spettanti lir-rikorrenti mill-wirt tal-mejtin genituri taghha;

10. Illi r-rikorrenti ma tridx taccetta l-eredita` tal-mejtin genituri taghha l-konjugi Philip u Carmena Aquilina, u trid titlob il-legittima spettanti lilha skond il-ligi;

11. Illi r-rikorrenti ghandha sehem ta’ dodecisima parti indiviza mill-eredita` tal-mejtin genituri taghha;

12. Illi r-rikorrenti ma tridx tibqa’ aktar in komuni mal-intimati a rigward sehemha tal-legittima dovuta lilha;

13. Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lilha, pero` dawn baqghu inadempjenti;

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi mejtin genituri Philip u Carmena Aquilina;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija intitolata ghal-legittima dovuta lilha fuq l-eredita` tal-mejtin genituri taghha Philip u Carmena Aquilina;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-proprjeta` immoblijari 61, Ta' Xbiex Sea Front, Msida, liema proprjeta` giet trasferita b'simulazzjoni kif jigi ippruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza permezz ta' kuntratt tal-hmistax (15) ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said LL.D., hija inkluza u suggetta ghall-kollazzjoni skond l-artikolu 915 tal-Kapitolu 16, u dan jekk hemm bzonn anki bl-ghajnuna ta' periti nominandi sabiex jivvalutaw il-proprjeta` immobbli u sabiex jivvalutaw kemm huwa s-sehem li l-mejtin konjugi Philip u Carmena Aquilina setghu iddisponew, u kemm huwa dak is-sehem, suggett ghall-kollazzjoni;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-assi ereditarji tal-mejtin Philip u Carmena Aquilina ghandhom jinqasmu f'erba' porzjonijiet, b'dan illi r-rikorrenti ghandha tiehu u tigi likwidata d-dodecesima parti indiviza mill-fuq imsemmija assi tal-mejtin genituri Philip u Carmena Aquilina;

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-eredita` tal-mejtin Philip u Carmena Aquilina mhix komodament divizibbli gialadarba li r-rikorrenti ghandha dodecesima parti indiviza mill-assi tal-mejtin genituri taghha bhala sehemha mil-legittima;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Settembru 2006. L-intimati gew ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ipprezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L Louisa Tufigno fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tat-3 ta' Lulju 2007 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Kathy Rogers u Louis Schembri li biha eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rappresentata.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-kuraturi deputati.

Rat ir-risposta ta’ Josephine sive Guza Schembri u Louis Schembri li biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti, spejjez kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in limine litis*, ir-rikors guramentat huwa null u bla effett peress li, kif imsejjes, huwa irritu w irritwali u, ghalhekk, l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. It-talba attrici, sabiex l-imsemmi kuntratt tal-15 ta’ Marzu 1989 imsemmi fir-rikors guramentat jitqies bhala wiehed *simulat* (talba numru 3), tistrieh fuq kawzali li hija indipendenti u differenti ghal kollox mill-kawzali ta’ l-azzjoni attrici ghal-legittima (allegalment) dovuta lill-attrici mill-wirt tal-genituri taghha (talba numru 2); kif inhi differenti wkoll mill-kawzali li fuqha tistrieh it-talba attrici rigwardanti d-divizibbilita` *o meno* ta’ l-eredita` tal-genituri taghha (talba numru 5). Kwindi, galadarba t-talbiet attrici huma msejsa fuq kawzali divirgenti minn xulxin m’huwiex proceduralment permess li jingiebu f’kawza wahda.

2. Illi preliminarjament ukoll, it-tielet (3) talba attrici kif inhi postulata hija nulla u bla effett stante li kif inhi ma tistax tintlaqa’ minhabba nuqqas ta’ (i) talba *ad hoc* sabiex, qabel xejn, l-imsemmi kuntratt tal-15 ta’ Marzu 1989 jigi dikjarat minn dina l-Qorti bhala wiehed ‘simulat’ u (ii) talba relattiva ghar-rexissjoni ta’ l-istess kuntratt; u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici dwar il-kuntratt tal-15 ta’ Marzu 1989, allegatament simulat (talba numru 3), hija preskritta *ai*

*termini* ta’ l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima allegatament dovuta lilha mill-wirt ta’ missierha Philip Aquilina li miet fl-24 ta’ April, 1990 (talba numru 2), tali talba hija llum preskritta *ai termini* ta’ l-artikolu 845 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima, l-intimati jecepixxu fil-mertu li l-l-attrici ma setghetx tippromwovi din l-istanza stante li ma haditx dawk il-passi necessarji sabiex qabel xejn formalment tirrinunzja l-wirt tal-genituri taghha (art. 860 *et seq*., Kapitolu 16), stante li r-rinunzja hija pre-ordinata ghal talba ta’ legittima. *Inoltre*, l-attrici *ora mai* ma tistax tirrinunzja l-wirt tal-genituri taghha peress illi wara l-mewt tal-genituri taghha accettat, anke` tacitament, il-wirt tal-genituri taghha.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici u cioe` li bil-prelegat fit-testment *unica charta* tal-21 ta’ Frar 1977 il-mejtin genituri ta’ l-attrici illedew il-legittima spettanti lill-attrici mill-wirt tal-mejtin genituri taghha.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghar-rigward tat-tielet (3) talba attrici, m’huwiex minnu li l-kuntratt tal-15 ta’ Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Philip Said huwa simulat kif qed tallega l-attrici u ma hemm ebda lok ghall-kollazzjoni kif mitluba mill-attrici.

8. Illi dwar it-talba attrici numru erbgha (4), l-attrici m’hijiex cara dwar bejn min ghandha tinqasam l-eredita` tal-genituri taghha fl-<u>erba’</u> (4) porzjonijiet imsemmija fl-istess talba u daqstant m’hija cara l-attrici dwar il-bazi legali ghat-talba taghha ghad-dodecezima parti mill-assi tal-mejtin konjugi Aquilina genituri taghha, li *in ogni caso*, tali “dodecezima parti” mhijiex dovuta lill-attrici.

9. Illi dwar il-hames talba attrici, l-intimati jeccepixxu li m'huwiex il-kaz u barra minn loku li ssir minn dina l-Qorti fil-kawza odjerna d-dikjarazzjoni mitluba mill-attrici li l-eredita` tal-mejtin konjugi Aquilina mhijiex komodament divizibbli (i) l-ewwelnett billi l-kawza odjerna mhijiex wahda ta' licitazzjoni u (ii) it-tieni nett anke' jekk, *dato ma non concesso*, l-attrici ghandha dritt ghad-dodecezima parti mill-eredita` tal-konjugi Aquilina, l-eredi tal-konjugi Aquilina mhumiex obbligati jissaldaw tali dritt b'pagament *in kind* mill-imsemmija eredita`: kwindi dikjarazzjoni dwar id-divizibbilita` *o meno* ta' l-eredita` mhijiex mehtiega.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat ir-risposta ta' Paul Aquilina u ta' Louis Schembri *nomine* li biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti, spejjez kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in limine litis*, ir-rikors guramentat huwa null u bla effett peress li, kif imsejjes, huwa irritu w irritwali u, ghalhekk, l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. It-talba attrici, sabiex l-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 imsemmi fir-rikors guramentat jitqies bhala wiehed *simulat* (talba numru 3), tistrieh fuq kawzali li hija indipendenti u differenti ghal kollox mill-kawzali ta' l-azzjoni attrici ghal-legittima (allegalment) dovuta lill-attrici mill-wirt tal-genituri taghha (talba numru 2); kif inhi differenti wkoll mill-kawzali li fuqha tistrieh it-talba attrici rigwardanti d-divizibbilita` *o meno* ta' l-eredita` tal-genituri taghha (talba numru 5). Kwindi, galadarba t-talbiet attrici huma msejsa fuq kawzali divirgenti minn xulxin m'huwiex proceduralment permess li jingiebu f'kawza wahda.

2. Illi preliminarjament ukoll, it-tielet (3) talba attrici kif inhi postulata hija nulla u bla effett stante li kif inhi ma tistax tintlaqa' minhabba nuqqas ta' (i) talba *ad hoc* sabiex, qabel xejn, l-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 jigi dikjarat minn dina l-Qorti bhala wiehed 'simulat' u (ii) talba relattiva ghar-rexissjoni ta' l-istess kuntratt; u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici dwar il-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989, allegatament simulat (talba numru 3), hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima allegatament dovuta lilha mill-wirt ta' missierha Philip Aquilina li miet fl-24 ta' April, 1990 (talba numru 2), tali talba hija llum preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 845 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima, l-intimati jecepixxu fil-mertu li l-l-attrici ma setghetx tippromwovi din l-istanza stante li ma haditx dawk il-passi necessarji sabiex qabel xejn formalment tirrinunzja l-wirt tal-genituri taghha (art. 860 *et seq*., Kapitolu 16), stante li r-rinunzja hija pre-ordinata ghal talba ta' legittima. *Inoltre*, l-attrici *ora mai* ma tistax tirrinuncja l-wirt tal-genituri taghha peress illi wara l-mewt tal-genituri taghha accettat, anke` tacitament, il-wirt tal-genituri taghha.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici u cioe` li bil-prelegat fit-testment *unica charta* tal-21 ta' Frar 1977 il-mejtin genituri ta' l-attrici illedew il-legittima spettanti lill-attrici mill-wirt tal-mejtin genituri taghha.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghar-rigward tat-tielet (3) talba attrici, m'huwiex minnu li l-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Philip Said

huwa simulat kif qed tallega l-attrici u ma hemm ebda lok ghall-kollazzjoni kif mitluba mill-attrici.

8. Illi dwar it-talba attrici numru erbgha (4), l-attrici m'hijiex cara dwar bejn min ghandha tinqasam l-eredita` tal-genituri taghha fl-erba' (4) porzjonijiet imsemmija fl-istess talba u daqstant m'hija cara l-attrici dwar il-bazi legali ghat-talba taghha ghad-dodecezima parti mill-assi tal-mejtin konjugi Aquilina genituri taghha, li *in ogni caso*, tali "dodecezima parti" mhijiex dovuta lill-attrici.

9. Illi dwar il-hames talba attrici, l-intimati jeccepixxu li m'huwiex il-kaz u barra minn loku li ssir minn dina l-Qorti fil-kawza odjerna d-dikjarazzjoni mitluba mill-attrici li l-eredita` tal-mejtin konjugi Aquilina mhijiex komodament divizibbli (i) l-ewwelnett billi l-kawza odjerna mhijiex wahda ta' licitazzjoni u (ii) it-tieni nett anke' jekk, *dato ma non concesso*, l-attrici ghandha dritt ghad-dodecezima parti mill-eredita` tal-konjugi Aquilina, l-eredi tal-konjugi Aquilina mhumiex obbligati jissaldaw tali dritt b'pagament *in kind* mill-imsemmija eredita`: kwindi dikjarazzjoni dwar id-divizibbilita` *o meno* ta' l-eredita` mhijiex mehtiega.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' Mario Agius, bin ir-rikorrenti Maria Agius fejn semma li permezz ta' ittra datata 19 ta' Lulju 1993 (u esebixxa kopja taghha) hu indirizza liz-ziju Paul (Aquilina), liz-zija Josephine (Schembri), lil ommu (Maria Agius) kif ukoll liz-zija Katy (Rogers), u fost affarijiet ohra hu nfurmahom bil-bejgh tal-fond 61, Ta' Xbiex Seafront, Ta'

Xbiex. Semma li ommu (Maria Agius) zgur li irceviet din l-ittra.

Rat in-nota tad-19 ta' Gunju 2008 (fol 116) li permezz taghha Maria Agius irrinunzjat mill-wirt tal-genituri taghha, salv ghas-sehem riservat/legittima skond il-ligi.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi fit-18 ta' Novembru 2008 il-Qorti halliet il-kawza ghad-decizjoni fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet.

***<u>D1. Nullita` tar-rikors:</u>***
L-intimati eccepew li t-talba tar-rikorrenti sabiex il-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 jitqies wiehed simulat huwa null ghax jistrieh fuq kawzali indipendenti u differenti ghal kollox mill-kawzali ta' l-azzjoni tar-rikorrenti ghal-legittima dovuta lir-rikorrenti mill-wirt tal-genituri taghha u dan kif dettaljatament spjegat fl-ewwel eccezzjoni a fol 41. Infatti l-intimati sostnew li r-rikors odjern jistrieh fuq tliet kawzali differenti u cioe`:
a) il-validita` *o meno* tal-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 minhabba simulazzjoni;
b) legittima mill-wirt tal-genituri favur ir-rikorrenti;
c) dikjarazzjoni eredita` mhix komodament divizibbli.

Ghalhekk l-intimati jikkontendu li dawn kellhom jigu indirizzati separatament f'azzjonijiet legali separati.

Il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' dak sostnut f'dan ir-rigward mill-intimati. Huwa veru li dak imsemmi taht a) hawn fuq u cioe` t-talba ghall-annullament ta' bejgh hija intrinsikament distinta minn kawza dwar drittijiet ereditarji u certament ma setghux jigu indirizzati flimkien, izda dan ma kienx izomm liz-zewg aspetti l-ohra milli jiffurmaw parti mill-istess proceduri. Forsi l-intimati kellhom ragun li jargumentaw bil-mod kif fil-fatt ghamlu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom minhabba li ma kienux ghad ghandhom fil-pussess taghhom id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha fejn a fol 114 jinghad dwar it-tielet eccezzjoni li t-talba tar-rikorrenti mhux qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt. Ghalhekk mhux

qed tintalab ir-rexxissjoni u allura dak li jaqa' taht a) ghandu jinftiehem li mhux qed jigi mitlub u dan bl-implikazzjoni kollha li sejrin jirrizultaw minn tali dikjarazzjoni. Dak li mhux attakkat u rexxiss ghandhu jitqies validu, salv dejjem, il-konvinzjoni morali tal-Qorti li temmen jew le dak li jkun qieghed jintqal.

Dan iwassal ghall-fatt li dak taht a) m'ghandux jitqies aktar, u kif intqal fuq dak taht b) u c) jista' jitmexxa f'kawza wahda. Wara kollox it-tendenza llum il-gurnata hija cara li l-Qorti ghandha l-obbligu li ssalva dak kollu li h salvabbli u mhux tibbaza fuq formalizmi zejda u b'hekk jispiccaw jigu dikjarati nulli proceduri li possibbilment jistghu jigu salvati. Huwa veru li azzjoni tistrieh fuq simulazzjoni ta' kuntratt m'ghandhiex ikollha fiha dikjarazzjoni biex tiehu legittima u indivizibbilita` ta' proprjeta`, izda stante li l-istess rikorrenti iddikjarat li hi mhux qed titlob rexxissjoni tal-kuntratt, mhux il-kaz li l-Qorti tipprocedi kif mitluba mill-intimati, li tiddikjara l-proceduri bir-rikors guramentat bhala nulli. Il-biza' ta' difett fil-kjarezza fil-premessi tac-citazzjoni li jarreka pregudizzju serju lill-konvent fid-difiza tieghu bl-annullanilita` konsegwenti kif pronunzjat fil-kawza deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-22 ta' Mejju 1967 fis-sentenza fl-ismijiet **Emma Scicluna vs Mary Xuereb** ma hux applikabbli fil-kaz odjern stante d-dikjarazzjoni a fol 114. Ghalhekk tichad din l-ewwel eccezzjoni, salv dejjem dak li ser jinghad dwar il-kap ta' l-ispejjez minhabba li din id-dikjarazzjoni spjegattiva tar-rikorrenti saret fid-19 ta' Gunju 2008.

***<u>D2. Nullita` tat-tielet talba tar-rikorrenti minhabba nuqqas ta' talba ad hoc biex l-imsemmi kuntratt jigi dikjarat simulat u sekondarjament ghat-talba relattiva ghar-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt:</u>***

Dan jirreferi ghat-tieni eccezzjoni ta' l-intimati – pagna 41 para 2. Hawn ukoll wiehed irid izomm f'mohhu dak li ntqal taht "D1" li r-rikorrenti mhux qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt. It-tielet talba tar-rikorrenti hija biex jigi dikjarat li l-proprjeta` immobiljari 61, Ta' Xbiex Sea Front, Msida hija inkluza u suggetta ghall-kollazzjoni skond l-artikolu 915 tal-Kap 16.

Huwa ovvju li jekk ma ntalbitx dikjarazzjoni ghar-rexxissjoni tal-kuntratt dan il-kuntratt irid jitqies bhala wiehed validu u li konsegwentement ma jistax dan jigi inkluz fil-kollazzjoni msemmija sakemm ma jkunx hemm xi dikjarazzjoni tal-Qorti f'dan is-sens. Ma saret ebda talba ghall-annullament u thassir ta' l-att ta' trasferiment fuq il-bazi ta' vizzju fil-kuntratt. Imkien ma hemm it-talba fir-rikors guramentat ghall-annullament tal-kuntratt u f'dan is-sens ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati b'dan li tiffissa terminu ta' xagharejn lir-rikorrenti biex jekk jidhrilha opportun tipprocedi separatament ghal din it-talba u jekk ma taghmilx dan il-Qorti tkun obbligata tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt. Hawnhekk ukoll il-kap ta' l-ispejjez irid jigi meqjus f'dak li qed jinghad.

***<u>D3. Artikolu 1222 tal-Kap 16 – simulazzjoni f'kuntratt:</u>***
It-tielet eccezzjoni ta' l-intimati hija li t-talba tar-rikorrenti dwar il-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989, allegatament simulat hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kap 16.

Fuq l-aspett ta' simulazzjoni tal-kuntratti, fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-5 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Joseph Cachia vs Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt tal-Ministeru ta' l-Intern et** (Citazz. Nru. 394/05) intqal:
***<u>"In-natura tal-eccezzjoni a tenur tal-artikoli 1222 u 1223</u>***
Din id-decizjoni tirrigwarda d-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 1222 (1) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jghid hekk:
**1222.** (1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.

(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.
L-artikolu 1223(1) ighid hekk:
"Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u

fil-kaz ta’ zball, ta’ eghmil doluz, jew ta’ kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett.”

Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta’ rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.

Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta’ sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kaz **Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru 1962, li:
“Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta’ kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta’ eta` u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b’kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta’ zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta’ nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru, 2001 gie deciz li:
“L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux.”

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Adrian de Haan vs George Whelpdale et** deciza fil-31 ta’ Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] irriteniet li t-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.

Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitamnet accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara **Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Mejju 2001, u **Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju 2003).

Id-data trid tigi stabbilita b’mod car. Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci** deciza fit-28 ta’ Novembru, 2002 deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili [I. J. R. Micallef] inghad:
“Illi marbut ma’ dan il-prinċipju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f’kull każ trid tistħarreġ u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni.”

Izda fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet **Sammy Murgo vs Henry P. Cole** deciza fl-31 ta’ Mejju 2000 [LXXXIV-II-335] inghad:
“Meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obbligazzjoni hija inesistenti. Il-prekrizzjoni biennali ta' l-azzjoni ta rexissjoni ta' kuntratt abbazi ta' l-artikolu 1222 mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita radikali ghax din trendi l-obbligazzjoni inesistenti.

Il-preskrizzjoni kontra materjali tappartjeni lill-ordni pubbliku mhix ammessa billi mhux konsentit li l-Qorti

jimplimentaw u jaghtu forza guridika u esklussiva ghall-kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku.”

Ukoll, fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tas-26 ta’ Frar 2007 fl-ismijiet **John Grech vs Ivan Mifsud et** (Citazz. Nru. 1476/01) intqal:
“Ghalhekk fil-qasir wiehed jista’ jghid li meta l-ligi f’xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ interdizzjoni, jew nuqqas ta’ età, taqa’ bil-preskrizzjoni eghluq sentejn, inkluz fir-rexxissjoni ta’ obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza. Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta’ vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta’ zball, ta’ eghmil doluz, jew ta’ kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett.  Il-preskrizzjoni ta’ sentejn jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz.  Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta’ nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni inezistenti. Min jeccepixxi l-preskrizzjoni jinkombu fuq l-provi, liema provi jridu jkunu univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu.  It-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.   Il-preskrizzjoni ghandu jkollha interpretazzjoni restrittiva.  Id-data trid tigi stabbilita b’mod car, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni.  Mhux konsentit li l-Qorti timplimenta kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku.”

Fil-kaz in ezami ma hemmx talba specifika da parti tar-rikorrenti ghar-rexxissjoni ta’ l-imsemmi kuntratt, anzi hemm id-dikjarazzjoni a fol 114 li r-rikorrenti mhux qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt.  Xorta wahda l-intimati (meta kienet ghadha ma saritx din id-dikjarazzjoni) issollevaw il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni tar-rikorrenti, kif qalu huma fil-kaz ipotetiku li l-Qorti tiddeciedi

li d-domandi tar-rikorrenti jinkwadraw azzjoni ta’ din ix-xorta. Ir-rikorrenti tallega li l-fond 61, Ta’ Xbiex Seafront, Msida gie trasferit b’simulazzjoni u b’hekk qed tghid li t-trasferiment ta’ dan il-fond lil Louis Schembri kellu kawza falza jew simulata ghax kif qalet ir-rikorrenti sar biex jilledi d-drittijiet taghha. Sostniet li l-kuntratt huwa wiehed simulat, li gie trasferit lil Louis Schembri mill-genituri tar-rikorrenti mhux ghax dawn verament riedu jbieghu l-fond imsemmi lil Loius Schembri, izda biex icahhdu lir-rikorrenti mid-drittijiet taghha. Skond ir-rikorrenti mhux veru li l-fond gie trasferit lil Louis Schembri in kompravendita.

Gie deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta, u cioe` mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta’ l-10 ta’ Jannar 1950 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuele Pullicino vs Diamante sive Amante Mifsud** li “kawza falza vuoldiri kawza erroneja, jew kawza simulata.” Ir-rikorrenti talbet li l-Qorti tiddikjara li l-proprjeta` msemmija giet trasferita b’simulazzjoni u li din ghandha tigi inkluza ghall-kollazzjoni a tenur tal-Kap 16 artikolu 915.

Issa sabiex il-fond imsemmi jerga’ jidhol biex jifforma parti mill-patrimonju tal-genituri tar-rikorrenti, irid li l-kuntratt ta’ trasferiment favur Louis Schembri jigi rexxiss jew annullat. Sewwa sostnew l-intimati li biex ir-rikorrenti tissodisfa din l-allegazzjoni jkollha tipprocedi biex tattakka l-kuntratt imsemmi billi simulat u ghalhekk jigi applikabbli l-artikolu 1222 tal-Kap 16.

L-intimati jsostnu ghalhekk li jostakola l-artikolu 1222 minhabba l-preskrizzjoni tas-sentejn, liema terminu jiddekorri mid-data li jinkixef id-difett u fil-kaz in ezami mid-19 ta’ Lulju 1993, hekk kif jirrizulta mid-depozizzjoni ta’ Mario Agius, iben ir-rikorrenti. Peress li l-Qorti m’ghandhiex talba specifika ghar-rexxissjoni, izda r-rikorrenti qed tigi moghtija t-terminu ta’ xagharejn biex tistitwixxi dawk il-proceduri, ma tistax taghmel dikjarazzjonijiet ta’ preskrizzjoni bazata fuq l-artikolu 1222 tal-Kap 16. Infatti fin-nota taghha a fol 114 ir-rikorrenti sostniet li mhux qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt izda peress li kuntratt ghal post faccata tal-bahar sar biss

ghall-ammont ta' Lm2,000, dan kien hemm simulazzjoni li ghalhekk ghandha tigi kalkulata ghall-iskop tal-legittima.

L-istess rikorrenti ghazlet li tiehu l-linja li fil-fatt hadet minflok attakkat is-simulazzjoni fil-kuntratt, u l-Qorti tkun tenuta tqis l-ammont li jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ghall-kalkoli ta' possibbli ammonti dovuti. Minhabba l-linja mehuda mir-rikorrenti fin-nota taghha l-Qorti ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni ta' l-intimati, izda ghall-iskop ta' spejjez trid tqis il-lokuzzjoni uzata fil-korp tar-rikors.

***D4. Kap 16 artikolu 845 - Preskrizzjoni ta' talba ghal-legittima:***

Fir-raba' eccezzjoni ta' l-intimati gie eccepit li t-talba ghal-legittima allegatament dovuta lir-rikorrenti mill-wirt ta' missierha Philip Aquilina hija preskritta ai termini tal-Kap 16 artikolu 845. Fil-fatt jirrizulta fit-tieni talba tar-rikorrenti li:

"Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija intitolata ghal-legittima dovuta lilha fuq l-eredita` tal-mejtin genituri taghha Philip u Carmena Aquilina".

L-imsemmi artikolu 845 jghid:

"**845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem ri\ervat, sew fis-su``essjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispi``a bl-eg]luq ta' g]axar snin mill-ftu] tas-su``essjoni."

Jirrizulta li Philip Aquilina miet fl-24 ta' April 1990 u li Carmena Aquilina mietet fis-16 ta' Frar 2001. Il-kawza giet ipprezentata fis-26 ta' Jannar 2007. It-testment ta' Philip u Carmena Aquilina kien wiehed *unica charta* fejn il-konjugi Aquilina kienu hallew l-uzufrutt tal-beni kollha lil xulxin. Ir-rikorrenti qatt ma kellha l-pussess tal-beni, mobbli jew immobli, u r-rikorrenti ssostni li ebda terminu ta' zmien ma seta' jiddekorri ghad-dikjarazzjoni tal-legittima meta anqas ma kien sar inventarju tal-wirt li kien halla Philip Aquilina.

Certament li l-preskrizzjoni ma iddekorrietx dwar il-wirt ta' ommha, izda fil-kaz tal-missier il-perjodu msemmi fl-

artikolu 845 tal-Kap 16 iddekorra u ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-Qorti qieghedha ghalhekk, kif imsemmi f'"D2" hawn fuq tiffissa terminu ta' xagharejn lir-rikorrenti biex jekk jidhrilha opportun tipprocedi separatament ghat-talba tar-rexxissjoni u jekk ma taghmilx dan il-Qorti tkun obbligata tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt.

Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija f'"D1" ghar-ragunijiet moghtija kif spjegat inkluz dwar l-ispejjez.

Ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija f'"D2" ghar-ragunijiet moghtija kif spjegat inkluz dwar l-ispejjez.

Ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija f'"D3" ghar-ragunijiet moghtija kif spjegat inkluz dwar l-ispejjez.

Tilqa' r-raba' eccezzjoni kif spjegat f'"D4".

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghad-9 ta' Lulju 2009 fl-10.15 a.m. biex tigi infurmata jekk gietx proposta l-kawza ghar-rexxissjoni jew le, u fi kwalunkwe ipotezi tipprocedi skond il-kaz.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------